# IT-TIENI GWERRA DINJIJA FUQ GĦAWDEX

Ir-rakkonti tan-nanniet u z-zijiet li jiftakru t-Tieni Gwerra Dinjija minn dejjem affaxxinaw l-immaġinazzjoni u l-attenzjoni tan-neputijiet tagħhom li ma laħquhiex. Għandna rapporti ppubblikati, li fuq pajjiżna waqgħu għadd enormi ta' bombi, u li Sir Winston Churchill stess, il-Prim Ministru Ingliż, kien irrefera għal Malta bħala 'the unsinkable aircraft carrier'. Iżda għaliex ħafna drabi norbtu l-gwerra biss ma' Malta u qisna nostru għalkollox dak li seħħ fl-Gżira tal-Tliet Għoljiet, Għawdex? Biex nikseb aktar tagħrif dwar dan il-każ, tkellimt ma' Charles Bezzina, poeta u riċerkatur fuq il-ġrajjiet li seħħew fil-Gwerra, u li dan l-aħħar ħareġ ktieb ieħor dwarha, bl-isem ta' *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943*. Dan il-ktieb fih 602 paġni, 100 paġna oħra ritratti, u madwar 1850 referenza.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



Xelter taċ-Ċittadella minn ġewwa

**Charles, fl-imħuħ ta' bosta Maltin, Għawdex kien meqjus bħala post aktar sigur mill-bumbardamenti u fittxew ir-refuġju tagħhom hemm. Fost dawn insibu lill-familja estiża tal-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici (Il-Gross). Kemm setgħet kienet minnha jew le din l-idea? Forsi għax kienu jafu li Għawdex la kellu ajrudrom u lanqas bastimenti militari?**

L-akbar numru ta' refuġjati li ġew Għawdex kienu mill-Kottonera. Is-Sorijiet tal-Konservatorju ta' Bormla ta' San Ġużepp ħallew dak il-post vulnerabbli għall-bombi minħabba t-Tarzna, u marru Wied il-Għajn. Iżda finalment spiċċaw f'Għawdex, f'Awwissu 1940. L-istess ġara lill-familja tal-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici, li sa mill-ewwel jum meta faqqgħet il-gwerra, telaq bil-familja minn Bormla lejn Wied il-Għajn. Iżda hemm ukoll bdew l-attakki fuq vapur li kien daħal bil-qamħ. Sadanittant l-attakki mill-ajruplani Taljani komplew. Madwar Settembru 1940, Carmelo ddeċieda jmur post ieħor, u għażel Għawdex, billi hemm ma kienx hemm stazzjonijiet militari u ajrudromi. Hu ma marx waħdu, iżda bit-tfal, il-mara u ommha u oħrajn tal-familja. B'kollox kienu 10. Fuq il-vapur, Carmelo, iltaqa' ma' qassis li offrielu post żgħir bi ftit kmamar ħdejn il-Katidral ta' Għawdex, fil-Kastell. Dan il-post mingħajr dawl elettriku u mingħajr ilma, kien żgħir u skomdu għalihom. Wara marru f'post akbar u aħjar f'40A, Triq Putirjal, ir-Rabat. Ta' min jgħid li Ugo (l-Eks President ta' Malta), fl-1942 kien għamel il-prietka tal-Milied tat-tifel fil-knisja ta' Pompej, ir-Rabat, u sena wara għamilha Peter Serracino Inglott (li aktar tard laħaq Rettur tal-Università). Ma rridx ngħid aktar dwar dan il-fatt għax din l-istorja kollha rrakkuntaha l-Eċċ. Dr. Ugo Mifsud Bonnici f'reminixxenza li kiteb hu stess, u li kont ippubblikajtha fil-ktieb *Ir-Refuġjati Maltin f'Għawdex fi Żmien il-Gwerra*. Bosta Maltin oħra (bejn 4,000 u 5,000 ruħ) għamlu l-istess. B'hekk Għawdex imtela bir-refuġjati Maltin li għażlu lil Għawdex, għax kif ħasbu, ma kienx fortifikat, ma kienx fih ajrudromi, u kien se jkun anqas ibbumbardjat minn Malta. U hekk kien.

**Jissemmew li Maltin oħra ta' kultura kbira telgħu jgħixu Għawdex. Fost dawn kien hemm Tony Scott, Ġużè Orlando u s-Surmast Vincenzo Bugeja. Min kienu dawn u x'ġid għamlu lix-Xagħra?**

Fi żmien il-gwerra, f'Għawdex iddistingwew ruħhom diversi Maltin li ġew għall-kenn fostna. Dan ġara għax ħallew xi opri, taw kontribut u b'xi mod jew ieħor ħallew wirt għani lill-gżira Għawdxija. Int semmejtli lil Tony Scott. Fil-fatt dan kien jismu Antonio Scotto, u twieled il-Belt Valletta fis-7 ta' Mejju 1907. Ġie refuġjat Għawdex sa mill-bidu tal-gwerra u żżewweġ Għawdxija. Beda jsejjaħ lilu nnifsu Anton Scott minħabba li t-tendenza kienet li jinqerdu l-ismijiet Taljani. Kien imperjalista mill-kbar, li għen lill-Gvern Ingliż biex f'Għawdex twaqqfet il-Home Guard, u għen bis-sħiħ fil-ġabra tal-qamħ permezz ta' meetings li kien jagħmel ma' Carm Zammit Marmarà u Roger Strickland. Dan għax kien president onorarju f'Għawdex tal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa. Kien jikteb fil-ġurnali f'isem il-bdiewa Għawdxin, u x-Xagħra organizza attivitajiet li għollew mhux ftit il-moral tal-poplu Għawdxi. Ġużè Orlando, kittieb, ukoll għamel ħiltu, u kien imdaħħal f'diversi għaqdiet, speċjalment dawk konnessi mal-bdiewa, u ta sehmu b'risq ir-raħħala. Mro. Vincenzo Bugeja ħalla wirt mużikali għani lill-Festa tal-Bambina u l-mużika tiegħu għadha tindaqq sal-lum. Magħhom insemmi wkoll lil John Bonnici li skolpixxa xi disinji fis-Santwarju Ta' Pinu; lil Goachino Delia, negozjant kbir tal-għamara, li naqqax lill-Madonna tar-Refuġjati fil-ġebla, u li għadha tidher fil-pedestall sal-lum taħt l-istatwa ta' San Ġużepp, aħna u sejrin Ta' Pinu. Insemmi lill-pittur Ġużeppi Briffa, li fil-gwerra pitter is-saqaf tal-knisja ta' Kerċem, lill-Avukat Arturo Valenzia, Reġistratur tal-Qorti, lill-attur John Navarro li kellu x'jaqsam mal-Victory Kitchens, u lil Emanuel Bianco li waqqaf il-Mużew tas-Subien fir-Rabat.

**Kemm kienu mħejjija l-Għawdxin għal kontra l-Gwerra? It-tħaffir tax-xelters, beda mill-ewwel?**

Qabel faqqgħet il-gwerra kienu jsiru provi ta' xi jfisser curfew, blackout, air raid warning, all clear u l-bqija, biex in-nies ikunu mħejjija. Sa minn qabel il-gwerra l-Għawdxin kienu mgħallma kemm hu importanti li waqt ħbit, għax ma kienx hawn xelters, jingħalqu f'darhom. Kienu mgħallmin isoddu l-ventilaturi u x-xquq tat-twieqi u jilbsu l-maskri minħabba l-biża' li seta' jitwaddab il-gass. Kienu obbligati ma jiġġerrewx barra filgħaxijiet u li mid-dar tagħhom ma jħallu ebda dawl jidher. Billi Għawdex kien mingħajr difiża, u fil-bidu tal-gwerra ma kienx hawn xelters, kienu mgħallma jidħlu taħt xi mejda soda b'mitraħ fuqha, jew taħt xi ħnejja bl-imrammi. Mill-bqija l-Għawdxin ma kinux imħejjija għal affarijiet oħra, speċjalment fid-difiża, għax dik il-ħabta ħadd ma ħaseb kemm se tkun qalila jew kemm se ttul il-gwerra fostna.

**X'setgħet kienet l-akbar biża' tal-Għawdxin mill-għadu tal-Gwerra?**

Kif għedt, Għawdex kien bla difiża. Kif kienu l-Għawdxin se jilqgħu kontra l-għadu, jekk dan ifettillu jagħmel invażjoni f'Għawdex? Ix-xtajtiet u l-kosti madwar Għawdex kienu miftuħin. Min kien se jżomm lill-għadu milli jiżbarka fix-xtut tagħna? Tgħid il-Pulizija tax-Xtut, għassa fit-torrijiet ta' madwar il-gżira, li kulma kellhom kienet xkubetta u tromba?! Fil-ktieb ta' Mariano Gabriele *Operazione C:3 Malta* hemm mhux biss il-preparamenti li kienu se jsiru għall-invażjoni ta' Għawdex, iżda li wara li jirbħuh, il-Ġermaniżi kienu se jinżlu l-Imġarr biex jinvadu lil Malta min-naħa ta' Fuq.

**Madankollu rridu ngħidu li fl-10 ta' Ottubru 1942, intefgħu żewġ bombi fuq Ta' Sannat fejn inqatlu 18-il persuna u nqerdu bosta djar. Iżda kemm kien hemm inċidenti simili? Jew aħjar: meta ntemmet il-gwerra, kemm instab li mietu Għawdxin kaġun tagħha?**

Ngħid x'ngħid, l-attakk li sar fuq Ta' Sannat fl-10 ta' Ottubru 1942, filgħodu, kien l-agħar wieħed li qatt seħħ f'Għawdex. Qatt matul is-seklu 20 fl-Isptar Victoria ma ddaħħlu feruti u mejtin daqs dakinhar. Iż-żewġ bombi ta' 2,000 libbra kull waħda twaddbu minn

> "Sa minn qabel il-gwerra l-Għawdxin kienu mgħallma kemm hu importanti li waqt ħbit, għax ma kienx hawn xelters, jingħalqu f'darhom

żewġ Junkers 88, li kienu segwiti minn fighters Ingliżi. Il-ħerba li ħallew ma nistax infissirha f'dawn il-ftit versi. Barra dan, Għawdex ġarrab attakki koroh bħalma ġara f'Għajnsielem fid-29 ta' Jannar 1942, meta mietu ħames persuni, ix-Xagħra fl-10 ta' Frar 1942 u t-12 ta' April 1942, in-Nadur fit-3 ta' Jannar 1942 u fil-15 ta' Jannar 1942, fuq l-Għarb fit-28 ta' Lulju 1942, fuq San Lawrenz fil-5 ta' Awwissu 1942, fuq ix-Xewkija fit-23 ta' Jannar 1942, u diversi attakki bil-machinegun bħalma huma dawk fuq Pjazza Savina, ir-Rabat, fis-6 ta' Mejju 1942, u jumejn wara fl-istess post. Dawn l-attakki f'Għawdex ħallew vittmi u tigrif. Għax l-ajruplani Ġermaniżi kienu jittajru u jattakkaw lil Għawdex qishom qegħdin xalata. F'Għawdex kienu diversi n-nies li mietu kawża ta' bumbardamenti u anti-personnel bombs, iżda l-biċċa l-kbira tal-Għawdxin għerqu mal-vapuri merkantili meta kienu jbaħħru fl-ibħra u l-oċeani. Fl-aħħar gwerra il-vittmi Għawdxin kienu madwar 158.



**Għawdex kien intlaqat ukoll mill-epidemija tal-iscabies. Kienet kbira din il-problema?**

Minkejja t-tiftix, qatt ma sibt iċ-ċifra eżatta ta' kemm Għawdxin mardu bil-marda tal-ħakk (scabies), kif kienet magħrufa fost l-Għawdxin. Biss affettwat l-aktar lit-tfal li kienu jmorru l-iskola u jitteħdu minn xulxin, jew nies li fix-xelters kienu jinzertaw wieħed ma' ieħor. Skont ċifra uffiċjali fir-rekords tal-Isptarijiet, f'Lazzarett Għawdex, tul l-1942 daħlu 519-il persuna jsofru minn din il-marda. Iżda dan it-total hu ta' dawk irreġistrati biss, għax fil-fatt kienu eluf. Sfortunatament ma kienx hawn mediċini għaliha.

**Ngħid sew li f'Għawdex kien hemm sptar magħruf bħala Lazzarett? U min kien imur fih? Jissemma wkoll li ġieli anki l-Maltin korruti jew morda ntbagħtu Għawdex.**

L-Isptar tal-Iżolament jew Lazzarett kif aktar kien magħruf kienu jiddaħħlu pazjenti bit-tifu, it-tefojde, mard tal-griežem u l-aktar pazjenti li mardu bl-epidemija tal-paraliżi infantili, fejn madwar 40 tifel jew tifla fi żmien il-gwerra sfaw morda biha. Fir-riċerka vasta li għamilt dwar il-gwerra, iltqajt ma' każi fejn xi sorijiet refuġjati f'Għawdex u xi tfal li kienu jieħdu ħsiebhom, jiġifieri Maltin, iddaħħlu f'dan l-Isptar għall-kura.

**Fuq il-gżira Għawdxija, qatt kien hemm xi riġment għad-difiża?**

Diversi riġmenti Ingliżi kienu bdew jiġu Għawdex sa minn Marzu 1941. Dawn kienu joqogħdu fid-djar vojta, skejjel primarji tal-Gvern u postijiet oħra. Kienu jagħmlu eżerċizzji militari fil-kampanja u parati fil-pjazez ewlenin ta' Għawdex, u b'hekk kienu jgħollu l-moral. Kienu aktar jiġu biex jistrieħu milli għad-difiża, għax kif għedt, ma kien hawn xejn x'jiddefendi lil Għawdex. Biss lejn l-aħħar ta' Ġunju tal-1943, meta nbena l-mitjar għall-invażjoni ta' Sqallija, ġew mijiet ta' Amerikani tal-536th Coast Artillery Battalion, Anti-Aircraft, u għamlu l-batterij, il-bofors u kanuni oħra madwar l-ajrudrom. Fis-26 ta' Lulju 1943, meta xi ajruplani Ġermaniżi taru fuq Għawdex, is-suldati Amerikani fetħu n-nar tagħhom. Din kienet l-unika darba li Għawdex, tul il-gwerra kollha, għamel difiża.

**Madankollu qrajt li tul il-gwerra, in-nisa Għawdxin kienu jaħdmu l-bizzilla jew il-ganċ u l-irġiel u ż-żgħażagħ imorru f'xi ħanut tax-xorb ilegilgu xi pinta nbid. Jiġifieri flus kien għad fadal fl-idejn?**

Ir-refuġjati Maltin li ġew Għawdex, speċjalment min-naħat ta' Tas-Sliema, kienu nies li jistgħu. Billi f'Għawdex kien daħal ġmielu l-blackmarket, dawn il-Maltin nefqu kull sold li kellhom Għawdex. Bl-iskarsezzi tal-affarijiet tal-ikel li kien hawn, u n-negozju klandestin, il-ħajja għoliet… u b'hekk f'Għawdex kien hemm min mar tajjeb bil-blackmarket, u naturalment kien hemm min bata u spiċċa b'għaxja ta' lejla. Billi filgħaxijiet minħabba l-curfew, in-nies ma setgħux joħorġu, għalkemm dawn ir-regolamenti nkisru kemm-il darba, in-nisa tad-dar kienu jedhew fir-rakkmu, il-bizzilla u l-ħjata, jew jaqraw xi ktieb. L-irġiel ma setgħux idumu tard barra fil-ħwienet tax-xorb filgħaxijiet minħabba l-curfew, għalkemm eċċezzjonijiet kien hemm. Għalhekk kienu jgħaddu l-ħin mal-għasafar fid-dar, jagħmlu pasturi tat-tafal jew xi manutenzjoni f'darhom stess.

**Il-biża' u l-ġuħ f'Għawdex jistgħu jitqabblu ma' ta' Malta meta nafu li f'Għawdex in-nies kienu jmorru fil-Mitħna ta' Mikiel Portelli fl-Għarb, u bil-moħbi tal-pulizija jitħnu l-qamħ li jkollhom? Jissemma wkoll li kien hemm imtieħen oħra jagħmlu l-istess.**

Meta f'Malta ma kienx baqa' aktar qamħ, saret il-famuża ġabra fil-gżejjer tagħna. Il-bdiewa biegħu l-qmuħ lill-Gvern, iżda ma tawx dak kollu li kellhom. Għalhekk meta s-sikkina laħqet l-għadma, kienu bosta dawn li kienu jmorru bil-qamħ, biex kontra l-liġi jitħnu, mhux biss għand Mikiel Portelli tal-Għarb, iżda għand bosta oħrajn, bħal Feliċ Camilleri fil-Mitħna ta' Randu, il-Qala; Ġużepp Camilleri fi Triq Għammar, l-Għasri; Ġużeppi Grech fil-Mitħna ta' Kola, ix-Xagħra; Mikiel Camilleri fi Triq Grunju, in-Nadur, u bosta oħrajn. Taħnu anki bil-mitħna tal-mixi u tal-idejn, u bosta Għawdxin għamlu dak li setgħu … għax il-ġuħ iġagħlek tagħmel kollox. Madankollu, il-ġuħ f'Għawdex, ma kienx qalil daqs f'Malta.




**Biex nagħtu ġieħ lil min ħaqqu: Spiss jissemma kemm l-Isqof Gonzi ħadem biex l-Għawdxin ifornu l-qamħ lill-Maltin. Madankollu ma jissemmewx nies oħra bħal Ġorġ Pisani, l-Assistent Kummissarju George Ransley, Carm Zammit Marmarà, Kelinu Vella Haber u Roger Strickland. X'tirrakkuntalna fuq dan?**

F'laqgħa sigrieta l-Isqof Mikiel Gonzi ntalab mill-Gvernatur, biex b'urġenza jinġabar il-qamħ ta' Għawdex. Hu għamel ħiltu u ħeġġeġ lill-bdiewa jbigħu l-qamħ tagħhom lill-Gvern. Fir-reminixxenzi tiegħu jgħid li bagħat żewġ trakkijiet lejn Malta. Iżda dan ma kienx il-qamħ kollu li Għawdex ta. Persuni bħal Ġorġ Pisani, Assistent Uffiċjal tal-Informazzjoni f'Għawdex u George Ransley, Kummissarju ta' Għawdex, għamlu laqgħat f'Għawdex kollu biex jinġabar il-qamħ. Laqgħat saru wkoll minn Carm Zammit Marmarà, Roger Strickland, Kelinu Vella Haber u Tony Scott, f'isem l-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa. Il-laqgħat ta' dawn il-patrijotti, kienu indirizzati b'mod kommoventi, għax kien meħtieġ li jġibu lill-bdiewa f'sensihom li qegħdin fuq il-home front, u kien importanti li jbigħu l-qmuħ lill-Gvern għax inkella l-bandiera bajda kienet se tibda tperper fuq il-bjut tagħna. Dan it-tir fil-fatt intlaħaq.




Preżentazzjoni tal-ktieb